

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Frar 2013 — Beninca  
vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-418/12) (¹)

("Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Rijfut impliċitu ta' aċċess — Interess ġuridiku — Deċiżjoni espliċita adottata wara l-preżentata tar-rikors — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2013/C 108/69)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Jürgen Beninca (Frankfurt am Main, il-Ġermanja)  
(rappreżentant: C. Zschocke, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: F. Clotuche-Duvieusart, aġġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Lulju 2012, li tirrifjuta li tagħti aċċess għal dokument.

**Dispożittiv**

(1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.

(2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħalli l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Jürgen Beninca.

(¹) ĠU C 366, 24.11.2012.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013 — Slovenja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-507/12 R)

("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Ghajjnuna mill-Istat — Deċiżjoni li tiddikjara l-ghajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha mill-benefiċjarju — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza")

(2013/C 108/70)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

**Partijiet**

Rikorrenti: Repubblika ta' Slovenia (rappreżentanti: V. Klemenc u A. Grum, aġġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, D. Kukovec u T. Maxian Rusche, aġġenti)

**Suġġett**

Talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 6345 finali tad-19 ta' Settembru 2012, dwar miżuri meħħuda favur l-imprija Elan d.o.o. [(SA.26379 (C 13/2010) (ex NN 17/2010)].

**Dispożittiv**

(1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

(2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Diċembru 2012 — Łaszkiewicz vs UASI — Capital Safety Group EMEA (PROTEKT)**

(Kawża T-576/12)

(2013/C 108/71)

Lingwa tar-rikors: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrent: Grzegorz Łaszkiewicz (Łódź, il-Polonja) (rappreżentant: J. Gwiazdowska, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Capital Safety Group EMEA, SAS (Carros Cedex, Franzia)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla fl-intier tagħha d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-24 ta' Ottubru 2012 fil-Każ R 700/2011-4;

— tagħti deċiżjoni finali — sa fejn l-istat tal-proċeduri jippermetti dan — li permezz tagħha tilqa' r-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 8478331 li għaliha saret l-applikazzjoni;

— sussidjarjament — sa fejn l-istat tal-proċeduri jippermetti dan — tibgħat il-każ lura għal deċiżjoni mill-ġdid mir-Raba' Bord tal-Appell, skont il-kriterji vinkolanti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrent fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell u quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern;